**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25** **17 ta' Awwissu 2021**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 17 ta' Awwissu 2021 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Victor Caruana – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Keoron Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 25**

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Minuti 25, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 25 ġew approvati b'mod unanimu.

**25.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-applikazzjoni ppreżentata mill-Kunsill għall-Proġetti Kapitali ta' Aċċessibilita' u Mobilita' ġiet skwalifikata mill-bord tal-għażla. Il-Kunsill talab ir-raġunijiet għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li talbet din l-informazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**25.3 Komunikat mill-Kunsilliera**

25.3.1 Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur li qed jaħdem fuq is-sit fejn kien hemm l-HSBC qed iħalli miżbla u talab li jsir rapport lill-awtoritajiet konċernati.

25.3.2 Il-Kunsillier Eric Camilleri talab li ssir ħadida quddiem il-mużew fi Triq ir-Rixtellu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm standards kif għandhom isir tali barriers u se tkun qed tikkomunika ta' Transport Malta.

25.3.3 Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li jsiru parking spaces fi Triq Ġorġ Zahra.

25.3.4 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li t-tabella ta' T-Junction fl-istess triq tinqala'.

25.3.5 Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa hux possibbli li jkollu 2 ħaddiema available sabiex jagħtihom skeda ta' qtugħ ta' ħaxix mit-toroq tal-lokalita'.

25.3.6 Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ li ssir tisqija madwar il-lokalita', għaliex bis-sħana li għamlet kollox nixef.

25.3.7 Il-Kunsillier Victor Caruana nfurma lill-membri li hemm persuna nteressata tixtri l-vann tal-Kunsill, filwaqt li ġibed l-attenzjoni li ħadd mill-ħaddiema ma jrid isuq il-vann il-ġdid

għaliex m'għandhomx special licence. Il-Kunsillier Victor Caruana nfurma li sar Service fuq il-vann il-ġdid u l-kont ġie madwar €305.97 u ssuġġerixxa li jinbidel it-tapp tad-diesel, bħala prekawzjoni.

25.3.8 Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa dwar ix-xogħlijiet tal-letrina. Is-Sindku John Schembri nfurma li sal-aħħar tal-ġimgħa kellu jitlesta x-xogħol ta' konkos.

25.3.9 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li jsiru marki u sinjali tat-traffiku adegwati fi Triq Ġorġ Zahra.

**25.4 Bord tal-Għażla – Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku John Schembri nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tinħareġ is-sejħa għal kariga ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ppropona li l-bord ikun iffurmat kif ġej:

Chairman – John Schembri Sindku
Segretarju – Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv
Dr Philip Von brockdorf
Keoron Bruno – Viċi Sindku
Frederick Aquilina – Kunsillier
Eric Camilleri – Sostitut

Il-Kunsill approva l-bord tal-għażla b'mod unanimu.

**25.5 Ħwejjeġ Oħra**

25.5.1 Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma lill-Membri li tiġi mgħoddija korrispondenza uffiċjali lill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni sabiex l-art fi Triq il-Ġdida tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali sabiex fiha jsir proġett ambjentali li jitgawda mill-komunita' kollha ta' Ħal Luqa. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ġibed l-attenzjoni li jekk tingħata parti mill-art, ma tingħatax xi parti fil-qalba tal-Housing Estate. Is-Sindku John Schembri qal li t-talba se ssir għal parti mill-art, li jkollha entratura għaliha u ma tkunx parti mill-Housing Estate.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li titressaq din it-talba.

25.5.2 Il-Kunsillier Victor Caruana nfurma li ġie nfurmat li Triq il-Kunsill tal-Ewropa se tibqa' kif inhi. Is-Sindku John Schembri nfurma li Infrastruttura Malta qed tistenna l-espropjazzjoni tal-art u l-proġett se jitkompla kif pjanat u x-xogħol se jitkompla għal nofs Settembru.

25.5.3 Il-Kunsillier Victor Caruana nfurma li fi Triq San Ġorġ hemm familji barranin li ta' kuljum qed joħorġu l-iskart b'mod abbużiv.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa jekk il-Kunsill għandux aċċess għall-cameras eżistenti fil-bandli.

Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li kellu laqgħa ma' Ambjent Malta fejn ġie diskuss il-proġett ta' Ħal Farruġ u aċċettaw li jaħdmu fuq il-pjanti ta' dan il-proġett.

Is-Sindku John Schembri nfurma li l-boundary wall f'Ħal Farruġ se jkun qed jitkompla b'mod immedjat.

**25.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Lucia Massa pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Victor Caruana ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 10 ta' Settembru fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |